MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 969/2012

**BANK OF VALLETTA p.l.c** (C-43107)

vs

**SULLIVAN PREMIER TRAVEL LIMITED** (C 38806) u
Sean u Karen miżżewġin Ellul Sullivan

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Settembru, 2012, li bih is-soċjeta attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitbiet privati li saru fid-9 ta' Frar, 2007, 22 ta' Ottubru, 2007, 30 ta' Ottubru, 2009 u 29 ta' Marzu, 2010 (u hawn esebiti bhala Dokument "A sa D") li bihom ikkonċediet lill-kumpannija imħarrka faċilitajiet bankarji partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrkin (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kitbiet privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attriċi.

(ii) Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka Sullivan Premier Travel Ltd tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tmenin elf tlett mija u sitta u disgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmi (€80,396.63) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Accounts*" ta' s-soċjeta Sullivan Premier Travel Ltd mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "E1 sa E51" u "F1 sa F7") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-5 ta' Settembru, 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;

(iii) Tikkundanna lil-imħarrkin Sean u Karen miżżewġin Ellul Sullivan, bħala garanti solidali tal-kumpannija mħarrka u flimkien u "in solidum" bejniethom jħallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' ħamsin elf euro (€50,000) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Account"* fuq imsemmija mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-5 ta' Settembru, 2012, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat li l-imħarrkin kollha laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża u tal-Avviż tas-Smigħ tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni għall-finijiet tal-art 187 tal-Kap 12;

Rat in-nota mressqa fid-9 ta' April, 2013 mill-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ it-talbiet tas-soċjeta attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u bl-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-imsemmija somma b’seħħ mit-12 ta’ April, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------